MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 187/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elton Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elton
Vella talli fid-19 ta’ Frar, 1999 ghall-habta tal-hdax ta’ filghodu, fi Triq l-Imdina, Hal-Qormi,

**(1)** waqt li kien qed isuq, naqas li jkollu kontroll shih tal-vettura u/jew tal-i*steering wheel*;
**(2)** saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza, u
**(3)** saq l-imsemmija vettura b’giri aktar milli jmissu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Settembru, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li ddikjarat l-azzjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni preskritta, sabet lill-imsemmi Elton Vella hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50) u gimgha sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan;

Rat ir-rikors ta' l-istess Elton Vella, minnu ppresentat fis-27 ta' Settembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-10 ta' Jannar, 2003; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li ma kien hemm ebda sewqan perikoluz jew b'velocita` aktar minn dik regolamentari. Din il-Qorti, pero`, wara li semghet bil-gurament kemm lill-Kuntistabbli 319 Emmanuel Vella kif ukoll lill-appellant fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2003 ma tara li hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti dwar il-mod kif kien qed isuq l-appellant.

It-tieni aggravju hu fis-sens li "jekk is-sewqan perikoluz kien jikkonsisti biss f'sewqan b'giri aktar milli jmissu, it-tieni u t-tielet akkuzi huma assorbiti u l-esponent ma jistax jinstab hati taz-zewg akkuzi". Din il-Qorti ma taqbilx. Bejn ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni u dak ipotizzat fit-tielet imputazzjoni ma jistax jinghad li hemm konkors formali jew ideali ta' reati – b'mod li jkun hemm allura reat wiehed biss. In fatti huwa altru milli koncepibbli sewqan perikoluz li ma jkunx jikkonsisti f'sewqan b'velocita` eccessiva, per ez. billi wiehed joqghod jitkessah iserrep bil-vettura li jkun qed isuq. Dak li f'dan il-kaz jista' jinghad li kien hemm huwa l-konkors ravvizat fil-paragrafu (h) tal-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali; pero` tali konkors (konkors ta' reati li jgib mieghu konkors ta' pieni) ma jfissirx li dak li jkun jigi liberat minn xi wahda mill-akkuzi.

Din il-Qorti, pero`, tara li l-azzjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni kienet ukoll preskritta bhal dik fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni. Ghalhekk sejra tillibera lill-appellant mit-tielet imputazzjoni. Kwantu ghall-piena, pero`, ma tarax li hemm lok ta' varjazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f' dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tielet imputazzjoni u tilliberah minn din l-imputazzjoni, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tibda tiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

--------------------------------TMIEM--------------------------------